**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1679/00**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc**

**Vs**

1. **F.M.C. Motors Ltd**
2. **Jonathan Brinkworth**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti *in solidum* bejniethom ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u sebghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm470.36c) li kienet obbligata tisborsa a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta favur l-attur fil-kawza fl-ismijiet *Anthony Sant Fournier vs Jonathan Brinkworth* (Avviz Nru 709/99/MM) deciza b'mod definittiv mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Gunju 1999 kontra Jonathan Brinkworth, liema kawza kienet tirrigwarda incident tat-traffiku fejn huwa Jonathan Brinkworth kien qed isuq il-vettura Nru FMC 300 propjeta' tal-konvenuti FMC Motors Ltd- ghal liema incident il-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici

nomine fir-rigward tal-vettura Nru. FMC 300 ma kinitx taghti kopertura lilu Jonathan Brinkworth.

Bl-ispejjez , komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2000, u bl-imghax legali mill-15 ta' Settembru 2000, kontra l-konvenuti li huma ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenuti fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi konfermata u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu in solidum bejniethom lill-kumpanija attrici is-somma mitluba ta' erba' mija u sebghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm470.36c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Oltre l-imghax legali mill-15 ta' Settembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg